Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 403/2001/1

**Carmelo, Guzeppi, Andrew ilkoll ahwa Bondin u Mary Cachia u Adelaide Baldacchino wlied il-mejjet Salvatore Bondin u b'digriet tas-sittax (16) ta' Mejju, 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Ines Bondin u Domenic Bondin minflok Guzeppi Bondin illi miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Antonia Lia u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2005 stante l-mewt ta' Antonia Lia fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz f'isem uliedha Grace Lia, Lawrence Lia, Joseph Lia, Emanuel Lia u Anthony Lia**

**Il-Qorti:**

Rat l-avvizipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi permezz tieghu l-atturi talbu ghaliex il-konvenuta ma ghandhiex tigi ikkundannata, prevja d-dikjarazzjoni illi hija qed tokkupa l-fondi 11/12 Bajada Street, Zabbar, u 118 Triq il-Marlogg, Zabbar, bla ebda titolu validu fil-ligi, tizgombra mill-istess fondi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha iffissat; bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' April, 2001, u ta' l-ittra legali tas-16 ta' Jannar 2001, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni; ghall-fini ta' kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fondi ma jeccedix l-ghoxrin lira Maltija (Lm20) fis-sena;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi mhux minnu illi l-konvenuta qieghda tokkupa l-fond 118, Triq il-Marlogg, Zabbar (liema fond ghandu bieb iehor li jaghti access ghal Triq Bajjada, u jgib in-numru 12), bla ebda titolu validu fil-ligi, kif inghad fl-avviz stante li l-konvenuta ghandha titolu lokatizzju validu u skond il-ligi kif ser jigi ppruvat fi stadju ulterjuri;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat is-sentenza moghtija fil-hmistax (15) ta' Dicembru, 2004 illi permezz taghha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet hekk:

"Ghal dawn il-motivi tilqa' it-talba attrici limitatament billi tiddikjara illi l-ambjenti b'access minn Bajada Street, Haz Zabbar, kif ippjantati a fol. 76 tal-process, jinsabu f'idejn il-konvenuta minghajr ebda titolu validu fil-ligi, waqt li ghal dak li jirrigwarda l-ambjent fi Triq il-Marlogg, Haz Zabbar billi jirrizulta ftehim ta' sullokazzjoni favur l-istess konvenuta tichad it-talba attrici fejn jirrigwarda t-talba taghhom ghall-izgumbrament tal-konvenuta mill-fond 118, Triq il-Marlogg, Haz Zabbar.

Ghal dawn il-motivi tordna lill-konvenuta sabiex tizgombra mill-fond numru 11, Bajada Street, Haz Zabbar, kif indikat fil-pjanta esebita a fol. 76 tal-process, salv l-uzu li ghandha tal-bitha u ta’ l-entrata, u ghall-fini ta’ l-izgumbrament tipprefiggi terminu ta’ xahar mil-lum.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa”;

u dana wara illi ikkonsidrat hekk:

“Mill-provi prodotti ma tirrizultax kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-fond intier in kwistjoni kien mikri lil certu Salvu Borg minn qabel is-snin sittin (60) u li dan kien jabita f’dawn il-fondi flimkien m’ohtu xebba Anna Maria Borg.

“Jirrizulta ukoll mid-deposizzjoni ta’ l-istess konvenuta Antonia Lia, kkoroborata ukoll mid-deposizzjonijiet ta’ uliedha illi ghall-habta tas-snin sittin, flimkien ma’ zewgha u uliedha, il-konvenuta kienet giet mistiedna biex tabita fl-istess fond in kwistjoni flimkien ma’ Salvu Borg u ohtu.

“Jirrizulta stabbilit ukoll illi f’dan iz-zmien il-fond kollu kien iservi bhala residenza ta’ l-ahwa Borg, izda meta dawn l-inkwilini kienu stiednu go posthom lill-familja Lia il-fond gie maqsum f’zewg fondi separati u tal-parti okkupata minnhom l-konvenuta u l-familja taghha kienu jhallsu lil Salvu Borg, l-inkwilin, is-somma ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) fis-sena ghas-sub inkwilinat issa favur taghhom.

“Skond id-deposizzjoni tal-konvenuta stess jirrizulta illi hija, flimkien ma’ uliedha u wara l-mewt ta’ zewgha, kienet tghix fis-sular ta’ fuq u zewgt ikmamar ohra, waqt li l-familja Borg kienu juzaw ir-rimanenti parti tad-dar.

“Il-parti uzata mill-ahwa Borg kellha bieb separat ghat-triq li kien fuq Bajada Street, waqt li l-parti uzata mill-konvenuta kellha bieb separat iehor ghal fuq Alley 3, Bajada Street iktar tard imsemmija Triq il-Marlogg.

“Iz-zewg ambjenti kienu separati minn xulxin hlief ghall-bitha li baqghet in komun waqt li l-entrata fil-parti ta’ l-ahwa Borg kienet tintuza mill-konvenuta ghall-access ghas-sular ta’ fuq.

“L-istess konvenuta ssostni li sakemm kienu ghadhom hajjin l-ahwa Borg, hija ma kienetx tidhol fil-partijiet taghhom izda mal-mewt ta’ Anna Maria Borg, li grat f’Gunju 1989, il-konvenuta bdiet tuza dawk il-partijiet ukoll biex issa spiccat fil-pussess taz-zewg ambjenti *ossia* tal-fond intier.

“Ghalhekk jirrizulta illi kienet giet pattwita sullokazzjoni a favur tal-konvenuta permezz ta’ liema l-inkwilin Salvu Borg kien ikkonceda in sullokazzjoni lil[l]-konvenuta Antonia Lia parti separata mill-fond mikri lilhu li kellha l-access taghha minn Triq il-Marlogg, Haz Zabbar, u liema parti tinsab ippjantata a fol. 75 tal-process. Il-parti li baqghet fil-pussess ta’ l-ahwa Borg u utilizzata minnhom hija dik ippjantata fil-pjanta esibita a fol. 76 tal-process.

“Fatturi ohra bhal ma huma l-fatt li kien hemm *meters* tad-dawl u l-ilma separati ghaz-zewg ambjenti rispettivi, u l-fatt illi, mall-mewt ta’ l-inkwilina Anna Maria Borg, neputi taghha kien ikkonsenja lis-sidien atturi c-cwievet ta’ l-parti li kienu baqghu juzaw l-inkwilini Borg, huma ukoll indikattivi illi, almenu ghal fejn jirrigwarda l-ambjenti uzati mill-ahwa Borg u li ghandhom access min-numru 11, Bajada Street, Haz Zabbar, dawn l-ambjenti qatt ma kienu gew koncessi in sullokazzjoni jew taht xi titolu iehor lill-konvenuta. Konsegwentement il-pussess taghha t[a’] dawn l-ambjenti huwa wiehed abbusiv.

“Ghal dak li jirrigwarda l-ambjenti l-ohra illi definittivament, anke kif jirrizulta mill-ircevuti esebiti, kienu gew koncessi in sullokazzjoni lill-konvenuta, u rrispettivament mill-fatt jekk din is-sullokazzjoni kienetx saret bl-akkwiexxenza *o meno* tas-sid ta’ dakinhar, jirrizulta titolu favur il-konvenuta u ghalhekk ma jistax jinghad illi din qed tokkupa dawk l-ambjenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Dan apparti mill-kunsiderazzjoni li kull kwistjoni dwar l-effetti u l-validità

ta dak it-titolu illum tesorbita mill-kompetenza [t]a din il-Qorti."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-atturi illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:

"… li din l-Onorabbli Qorti joghbobha tirriforma is-sentenza moghtija fil-15 ta' Dicembru 2004, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tikkonferm[a]ha in kwantu ordnat l-izgumbrament tal-konvenuta mill-ambjenti indikati fl-istess sentenza, tilqa' it-talbiet attrici fir-rigward ukoll ta' l-ambjenti l-ohra kollha fl-istess fond, u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta appellata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuta appellata";

Rat ir-risposta tal-konvenuti illi permezz taghha interponew appell incidentali u, ghar-ragunijiet fiha esposti, talbu hekk:

"… illi s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tigi riformata, fis-sens li tigi mhassra kwantu ghad-dikjarazzjoni illi l-ambjenti b'access minn Bajada Street, Haz Zabbar jinsabu f'idejn l-esponenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi stante li l-esponenti jivvantaw titolu ta' kommodat u kkonfermata ghall-kumplament, u b'hekk tigi michuda t-talba dedotta fl-avviz u ssir gustizzja skond il-ligi";

Rat ir-risposta ta' l-atturi ghall-appell incidentali tal-konvenuti illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:

"… li din l-Onorabbli Qorti ta' l-appell joghgobha tichad l-appell incidentali tal-konvenuti appellanti [*sic*] u ghalhekk tikkonferma l-istess sentenza appellata in kwantu ordnat l-izgumbrament tal-konvenuti mill-ambjenti b'access minn 11/12 Bajada Street, Haz-Zabbar, oltre li tilqa' l-appell principali ta' l-esponenti u tordna wkoll l-izgumbrament mill-kumplament ta' l-ambjenti f'idejn l-intimat [*sic*]. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti";

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju principali ta’ l-atturi kontra dik il-parti tas-sentenza appellata illi permezz taghha t-talba attrici giet michuda kwantu tirrigwarda l-izgumbrament mill-fond 118, Triq il-Marlogg, Zabbar, huwa illi tali talba ma kellhiex tincahad ghaliex:

1. is-sullokazzjoni ta’ dan il-fond maghmula mill-inkwilin favur il-konvenuta - jew, ahjar, l-awtur taghha - ma holqot ebda relazzjoni legali bejn is-sidien - illum l-atturi - u l-konvenuta subinkwilina; u

2. meta spiccat il-kirja favur l-inkwilin spiccat ukoll is-sullokazzjoni favur il-konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi appellanti ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, in sostenn tar-raguni 1. illi avanzaw fir-rigward ta’ l-aggravju principali, fil-paragrafi enumerati sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) tar-rikors ta’ appell. Dina l-Qorti taqbel pjenament ma’ dak sottomess f’dawn il-paragrafi u, konsegwentement, tiddikjara illi l-imsemmija raguni 1. hija valida. Izzid biss illi huwa sinjifikattiv illi l-konvenuti appellati ma ghamlu ebda sottomissjoni, la bil-miktub u lanqas orali, sabiex jirribattu l-kontenut ta’ l-imsemmija paragrafi 7, 8 u 9 tar-rikors ta’ appell;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx wisq x’jinghad dwar ir-raguni 2. avanzata mill-appellanti in sostenn ta’ l-aggravju principali taghhom. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kirja illi kienet tezisti bejn l-atturi u Anna Maria Borg tal-fondi imsemmija fl-avviz - fosthom dak illi jirrigwarda l-aggravju in ezami - kienet regolata mill-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ma jirrizultax illi mal-mewt ta’ l-imsemmija

Anna Maria Borg fid-dsatax (19) ta' Gunju, 1989 (Dok. AL4, fol. 15) l-imsemmmija kirja ghaddiet f'idejn xi hadd *ai termini* ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 69. Konsegwentement, meta skada t-terminu tal-kirja korrenti fid-data tal-mewt ta' l-imsemmija Anna Maria Borg - skadenza illi certament avverrat ruhha hafna qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna - l-istess kirja spiccat. Malli spiccat din il-kirja spiccat ukoll is-sullokazzjoni illi kellha l-konvenuta Antonia Lia tal-fond meritu ta' l-aggravju in ezami. F'dan ir-rigward, dina l-Qorti tiddikjara illi taqbel mal-principji enuncjati fis-sentenzi citati mill-appellanti fil-paragrafu enumerat erbatax (14) tar-rikors ta' appell. Ghalhekk, anke r-raguni 2. avanzata mill-appellanti in sostenn ta' l-aggravju principali taghhom hija valida;

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi l-konvenuta - jew il-konvenuti - ivvantat xi titolu fuq il-fond meritu ta' l-aggravju in ezami oltre dak ta' l-imsemmija sullokazzjoni;

Ikkunsidrat:

Minn dak illi inghad sa issa, ghalhekk, fil-fehma ta' dina l-Qorti, hemm lok ghall-akkoljiment ta' l-appell ta' l-atturi, u dana minghajr il-htiega illi jigu konsidrati punti ohra sollevati mill-atturi fir-rikors ta' appell taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi fir-risposta taghhom ghall-appell incidentali tal-konvenuti l-atturi issolevaw il-pregudizzjali tan-nullità ta' l-istess appell incidentali u, fir-rigward, issottomettew hekk (fol. 120):

“Illi ghalkemm l-iskrittura intavolata mill-konvenuti quddiem din il-Qorti hija indikata minnhom bhala ‘Risposta ta' l-appell’, il-konvenuti ma wiegbu xejn ghall-appell ta' l-esponenti, u ma tawx ir-ragunijiet taghhom ghaliex l-appell ta' l-esponenti ghandu jigi michud. Minflok, ghaddew mill-ewwel ghad-dikjarazzjoni li jridu jinqdew bl-appell ta' l-

esponenti sabiex jintavolaw appell incidentali mill-istess sentenza.

"L-esponenti jirrilevaw li l-ligi proceduralі hija cara ferm fil-materja ta' appell incidentali u tirrikjedi li '*Dik il-parti li tkun bi hsiebha tinqeda b'dak l-appell ghandha taghmel dikjarazzjoni f'dak is-sens fir-risposta*' (Art. 240(2) [Kap. 12]). Kwantu imbaghad ghar-risposta, l-Art. 144(1) jiddisponi li '*l-partijiet biss li kontra taghhom isir l-appell ghandhom fi zmien ghoxrin jum jipprezentaw it-twegiba li jkun fiha r-ragunijiet ghaliex l-appell ghandu jigi michud*.' U din it-twegiba bir-ragunijiet imsemmija hija presuppost essenzjali ghall-validità ta' l-appell incidentali";

Dina l-Qorti tibda sabiex tiddikjara illi, ghal dawk illi huma fatti, taqbel kompletament mal-kontenut ta' l-ewwel (1) paragrafu tas-silta appena citata mir-risposta ta' l-atturi ghall-appell incidentali tal-konvenuti. Dan premess, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-att gudizzjarju illi jinsab a fol. 117 u 118, ghalkemm jissejjah "Risposta ta' l-appell", ma jistax jigi konsidrat bhala risposta ghall-finijiet u effetti ta' l-artikoli 144 u 240 tal-Kap. 12. Konsegwentement, jirrizulta illi l-konvenuti intavolaw appell incidentali minghajr ma intavolaw risposta skond il-ligi ghall-appell principali intavolat mill-atturi. Dan jimporta in-nullità ta' l-istess appell incidentali tal-konvenuti *ai termini* ta' l-artikoli 240 u 789 tal-Kap. 12 (ara f'dan is-sens Appell Civili (Superjuri), *Alfrida Pace vs Tabib Ewlieni tal-Gvern et*, 6/4/06);

Ghal dawn l-motivi:

Tiddikjara l-appell incidentali interpost mill-konvenuti bhala irritu u null u, konsegwentement, tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri tieghu, bl-ispejjes kontra l-konvenuti;

Tipprovdi dwar l-appell principali ta' l-atturi billi tilqghu u, ghalhekk, tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici billi tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fondi 11/12, Bajada Street, Zabbar u 118, Triq il-Marlogg, Zabbar u

ghall-fini ta’ l-izgumbrament tippreﬁggi t-terminu ta’ xahar mill-lum;

Tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza, kemm dawk ta’ l-ewwel istanza u kemm dawk ta’ din l-istanza, jigu sopportati mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------